**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta' Mejju 2019

Rikors Numru: 89/19 AL

**AB**

Vs

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-18 ta' Frar 2019 li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti u li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnejn t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tnejn u tmenin (02.10.1982) u miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġ ulied, , li llum huma adulti u indipendenti;

2. Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta’ kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Jean Carl Debono nhar it-tlettax ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (13.11.2013) (Dok A anness);

3. Illi skont l-istess kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt reċiproku li jitolbu u jottjenu manteniment għal xulxin;

4. Illi bejn il-partijiet m’hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-liġi għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat jgħid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Qorti jogħġobha timpona huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta’ Frar, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-intimat preżenti fl-awla jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati sa mit-13 ta’ Novembru, 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;